# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 15**
**Rikors numru 46/14 SM**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Marcellus sive Marcel Agius**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul minn Marcellus sive Marcel Agius [l-appellant] mis-sentenza moghtija fit-30 ta' Novembru 2016 [is-sentenza appellata] mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li ma rravvizatx ksur tad-drittijiet fondamentali tal-appellant fit-termini tar-referenza li saritilha mill-Qorti Kriminali, ordnat li l-atti kollha tal-kawza jintbaghtu lura lill-Qorti Kriminali u ordnat ukoll li l-istess Qorti Kriminali

tkompli bil-procedura in dizamina fl-istadju li din il-procedura kienet waslet immedjatament qabel ma saret l-ordni ta' referenza, bl-ispejjez tal-procedura a kariku tal-appellant.

Mertu

2. Illi jirrizulta illi l-appellant ma baqax jinsisti, wara l-emendi li saru bis-sahha tal-Att XXIV tal-2014, fuq it-talba tieghu ghal referenza kostituzzjonali in konnessjoni mad-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 101. L-appell odjern tieghu huwa ccentrat unikament fuq l-allegat ksur tad-dritt fondamentali tieghu li ma jinkrimanx ruhu, kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem [il-Konvenzjoni]. Skont l-appellant, dan id-dritt tieghu gie lez meta l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ordnatlu jaghti kampjun tal-kalligrafija tieghu ghall-finijiet ta' analizi komparattiva minn espert kalligrafu, ma' dokument iehor esebit fl-atti processwali mill-prosekuzzjoni. L-appellant jikkontendi illi, bis-sahha ta' dan l-ordni, huwa mhux talli gie mgieghel jinkrimina ruhu, bi ksur tad-dritt fondamentali tieghu bhala persuna mixlija b'reat kriminali li jibqa' sieket u ma jixhidx, talli l-Artikolu 397 tal-Kodici Kriminali ma jaghtix lilll-Qorti Istruttorja s-setgha li tordna lill-akkuzat jaghti kampjuni tal-kalligrafija tieghu.

3. Fid-difiza tieghu, l-Avukat Generali jistrieh fuq il-principju li skont hu, gie enuncjat konsistentement fil-kazistika tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fondamentali [il-Qorti Ewropea], illi l-privilegg kontra l-awto-inkriminazzjoni huwa mmirat primarjament biex jipprotegi d-dritt tal-akkuzat li ma jixhedx u li jibqa' sieket, u dan il-privilegg ma jestendix ghall-uzu fi proceduri kriminali ta' materjal li, ghalkemm jista' jinkiseb minghand l-akkuzat bl-uzu ta' mizuri forzuzi, jezisti indipendentement mir-rieda tieghu. L-Avukat Generali sostna wkoll illi bl-ordni lamentat l-appellant ma giex kostrett jaghmel jew jaghti *incriminating statement* izda gie semplicement ordnat jaghti kampjun tal-kitba tieghu lill-espert nominat mill-Qorti ghall-finijiet ta' analizi komparattiv ma' kitba ohra prodotta bhala prova mill-prosekuzzjoni.

Is-Sentenza Appellata

4. Ghalkemm l-ewwel Qorti cahdet iz-zewg ilmenti li jifformaw il-mertu tar-referenza lilha maghmula mill-Qorti Kriminali, l-appell odjern jittratta unikament id-decizjoni li l-ordni tal-Qorti Istruttorja biex l-appellant jaghti kampjun tal-kalligrafija tieghu lill-espert mahtur minnha ghall-iskop fuq indikat ma huwiex leziv tal-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq indikati. Din id-decizjoni tal-ewwel Qorti giet motivata bis-segwenti kunsiderazzjonijiet li qed jigu riprodotti testwalment ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell:-

"B. **It-Tehid ta' Kampjuni Kalligrafici**:

"19.0. Illi dwar it-tieni referenza fuq indikata jinghad sintetikament is-segwenti:

"19.1. Illi l-artiklu 397 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet *de quo* jistabbilixxi l-poteri tal-Qorti Istruttorja u jiddelinea l-ordnijiet li din il-qorti tista' taghti fir-rigward it-tehid ta' kampjuni mill-gisem ta' imputat;

"19.2. Illi l-artiklu *de quo* jistipula precizament is-segwenti:

"Il-qorti tista' tordna t-tahrika ta' xhieda u l-produzzjoni ta' provi li jkun jidhrilha mehtiega, kif ukoll il-hrug ta' citazzjonijiet u mandati ta' arrest kontra kull awtur iehor jew komplici li hija tikxef. Il-qorti tista' tordna wkoll accessi, perkwizizzjonijiet, esperimenti, t-tehid ta' xi kampjun u kull mizura jew haga ohra li tinhtieg biex il-gabra tal-provi tal-kawza tkun kompluta minn kollox";

"19.3. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghar-***Referenza Kostituzzjonali*** fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri) vs. Nazzareno Grech***, deciza fid-***9 ta' Lulju, 2014***, fejn gie ritenut is-segwenti:

"Mill-artiklu 397 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq kwotat, huwa evidenti li l-ligi Maltija tippermetti l-ezamijiet tal-partijiet tal-gisem tal-imputat kemm ghal dak li jirrigwardja kampjuni intimi kif ukoll ghal dawk mhux intimi li jkopru sintendi kampjun tal-kalligrafija moghti mill-imputat ... din l-ahhar parti tal-artiklu 397 li giet sottolinejata minn din il-qorti, kienet intiza mill- legislatur Malti biex tkopri dawk l-izviluppi xjentifici u forensici li, mal-medda taz-zmien, jigu skoperti, minghajr il-htiega ta' bdil kontinwu fil-legislazzjoni. Ix-xjenza tal-kalligrafija hija wahda minn dawn l-izviluppi forensici";

"19.4. Illi in vista tal-premess ghandu jirrizulta pacifiku li l-qorti in dizamina ghandha s-setgha statutorjament lilha moghtija kif fuq jirrizulta evidenti, biex tordna dak kollu li hi thoss il-htiega li taghmel biex tigbor il-provi kollha li jirrizultaw mehtiega skont il-kaz;

"19.5. Illi ghalhekk l-ordni tal-Qorti Istruttorja in dizamina biex jingabru kampjuni kalligrafici tal-inputat Agius hu ordni legittimu u legali u hu effettivament wiehed mill-interventi lanqas invasivi kontemplati;

"19.6. Illi ghalhekk hu pacifiku li l-ordni moghti mill-imsemmija qorti biex jittiehdu l-kampjuni kalligrafi *de quo* hu ordni legittimu fit-termini tal-artiklu 397 tal-Kap 9 fuq riferit;

"Ikkunsidrat:

"20. Illi f'dan ir-rigward l-intimat riferenti jilmenta li dan it-tehid tal-kampjuni tal-kalligrafija tieghu jilledu l-artiklu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront tieghu;

"21. Illi fid-dawl tal-artikli tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni riferiti fil-paragrafu precedenti jigi sottolineat li l-imputat *de quo* ghandu dejjem id-dritt li ma jinkriminax lilu nnifsu fi proceduri kriminali;

"22. Illi f'dan ir-rigward *Cross & Tapper*, fil-ktieb taghhom *"On Evidence"*, *8th Edition*, p. 454, jikkwotaw lil ***Murphy J*** fil-kawza ***Pyneboard Pty. Ltd. vs. Trade Practices Commission (1983)***, li jghid f'dan is-sens is-segwenti:

> "The privilege – a bastion of human freedom from oppression by the state... The privilege against compulsory self-incrimination is part of the common law of human rights. It is based on the desire to protect personal freedom and human dignity. These social values justify the impediment the privilege presents to judicial or other investigations. It protects the innocent as well as the guilty from the indignity and invasion of privacy which occurs in compulsory self-incrimination. It is society's acceptance of the inviolability of human personality";

"23. Illi f'***Saunders vs. U.K.*** datata z-***17 ta' Dicembru, 1996***, fuq riferita, gie ritenut is-segwenti:

> "...the right to silence and right not to incriminate oneself are generally recognised international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under article 6";

"Ikkunsidrat:

"24. Illi fir-rigward tad-dritt li persuna ghandha biex ma tinkriminax lilha nnifisha issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti Ewropea de quo***, fl-ismijiet ***Jalloh vs. Germany***, datata l-***11 ta' Lulju, 2006***, li sosstniet is-segwenti fir-rigward:

> "The Court has consistently held, however, that the right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent. As commonly understood in the legal systems of the Contracting Parties to the Convention and elsewhere, it does not extend to the use in criminal proceedings of material which may be obtained from the accused through the use of compulsory powers but which has an existence independence of the will of the suspect such as, *inter alia*, documents acquired pursuant to a warrant, breath, blood, urine, hair or voice samples and bodily tissue for the purpose of DNA testing. (see ***Saunders***, ***Choudhary vs. the United Kingdom ... 4 May, 1999***; ***J.B. vs. Switzerland*** ... and ***P. G. and J. H. vs. the United Kingdom...***)";

"25. Illi *di piu`*, jinghad ukoll li fid-dawl tas-suespost hu ormai assodat li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-kaz taghha kontra akkuzat minghajr ma tuza evidenza miksuba b'koercizzjoni jew

b'oppressjoni, jew b'mod li jmur kontra l-volonta` tal-akkuzat, (ara l-istess ***Saunders*** fuq gia` riferit diversi drabi u ***Heaney and Mc Guinness vs. Ireland***, Applikazzjoni Numru 34720/97; ***Allan vs. U.K.***, Applikazzjoni Numru 48539/59; u ***J.B. vs Switzerland***, Applikazzjoni Numru 31827/96;

"26. Illi f'dan ir-rigward, fil-kawza fl-ismijiet ***Bykov vs. Russia***, datata l-***10 ta' Marzu, 2009***, il-***Qorti Ewropea*** fuq riferita tghid is-segwenti:

> "In examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination, the Court must examine the nature and degree of the compulsion, the existence of any relevant safeguards in the procedures, and the use to which any material so obtained is put (see for example, ***Heaney and Mc Guinness vs. Ireland***, no. 34720/97... ECHR 2000 – XII, and ***J.B. vs. Switzerland***, no. 31827/96, ECHR 2001 – III);

"Ikkunsidrat:

"27. Illi fil-kawza indikata fil-paragrafu precedenti gew hekk stabbiliti r-rekwiziti li huma l-qofol tal-kuncett ta' procedura gusta taht l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni biex jigi assigurat li akkuzat ikun protett minn ingerenza u koercizzjoni indebita mill-awtoritajiet;

"28. Illi ghalhekk f'dan ir-rigward wiehed ghandu jiffoka l-attenzjoni tieghu biex jindividwa u janalizza s-segwenti:

"28.1. In-natura u s-severita` ta' koercizzjoni uzata;

"28.2. L-ezistenza *o meno* ta' salvagwardji fil-procedura lamentata;

"28.3. L-uzu intiz ghall-materja miksuba;

"Ikkunsidrat:

"29.0. Illi fid-dawl tas-suespost jigi konstatat sintetikament is-segwenti:

"29.1. **In-Natura u s-Severita` ta' Koerzjoni Uzata:**

"29.1.1. Illi t-tehid tal-kampjuni kalligrafici huma intervent minimu;

"29.1.2. Illi dan l-intervent ma jirrikjedi l-ebda ingerenza medika jew forza attiva fuq il-persuna tal-imputat riferenti;

"29.2. **L-Ezistenza *o meno* ta' Salvagwardji fil-Procedura Lamentata:**

"29.2.1. Illi fil-kaz in dizamina t-tehid tal-kampjuni kalligrafici ttiehdu fir-rispett tas-salvagwardji kollha tal-ligi;

"29.2.2. Illi jirrizulta pacifiku wkoll li dawn ittiehdu taht l-iskrutinju u kontroll tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja;

"29.2.3. Illi tali kampjuni ttiehdu minn espert indipendenti espressament nominat ghal dan il-ghan;

"29.3. **L-Uzu intiz ghall-Malterja Miksuba:**

"29.3.1. Illi l-iskop u n-necessita` ghat-tehid tal-kampjuni *de quo* kien intiz ghall-finijietli, l-kalligrafija li kienet fuq il-pakkett li kien intercettat mill-pulizija jigi pparagunat mal-kallegrafija tal-intimat odjern;

"29.3.2. Illi dan l-intervent fil-gbir ta' dawn il-kampjuni ma involvewx intromissjonijiet jew interferenzi ohra fuq il-persuna tal-imputat;

"Ikkunsidrat:

"30. Illi in vista tas-suespost din ir-referenza sollevata mill-Qorti Kriminali wara talba appozita mill-imputat Agius rigwardanti t-tehid ta' kampjuni kalligrafici in dizamina ma tistax tigi akkolta *stante* li ma timminax id-dritt tal-imputat li ma jinkriminax lilu nnifsu, u ghalhekk, ma tivvjolax l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;".

<u>L-Appell</u>

5. L-appellant ipprezenta l-appell tieghu permezz ta' rikors datat 1 ta' Dicembru 2016, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn laqghet l-ilment taht l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, u tirrevokaha ghall-kumplament, bl-ispejjez.

6. L-aggravju tal-appellant fih zewg aspetti li, fil-qosor, huma s-segwenti: [i] l-Artikolu 397 ma jaghtix poter legittimu lill-Qorti Struttorja biex tordna t-tehid ta' kampjun tal-kalligrafija u, f'kull kaz, ma jaghtihiex *carte blanche* biex tordna kwalsiasi prova li jidhrilha, specjalment jekk l-ordnijiet jikkozzaw ma' ligijiet ohrajn inkluz drittijiet fondamentali u, [ii] l-

ewwel Qorti naqset milli tiddistingwi bejn materjal li jista' jinkiseb minghand l-akkuzat b'mod obbligatorju izda li ghandu ezistenza indipendenti mir-rieda tal-istess akkuzat, u materjal iehor, bhal kalligrafija, li jingieb fl-ezistenza biss b'agir indott fuq l-akkuzat.

7. L-Avukat Generali pprezenta t-twegiba tieghu fl-14 ta' Dicembru 2016 fejn, b'mod generali, filwaqt li rribadixxa l-istess principji diga` minnu esposti fir-risposta tieghu[1] ghat-talbiet kontenuti fir-referenza kostituzzjonali, iccita b'mod estensiv mis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza Richard Cuschieri vs Avukat Generali[2], fejn gie ritenut illi l-ordni biex l-akkuzat jaghti kampjun tal-vuci tieghu ma huwiex leziv, la tad-dritt tieghu ghas-silenzju u lanqas tad-dritt tieghu li ma jigix imgieghel li jinkrimina ruhu.

L-Aggravju

8. Din il-Qorti tqis li qabel xejn ikun opportun li l-ewwel jigi epurat l-aspett tal-aggravju tal-appellant dwar is-setgha tal-Qorti Istruttorja li tordna t-tehid ta' kampjun tal-kalligrafija tieghu. L-appellant jikkontesta l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li, bis-sahha tal-Artikolu 397, il-Qorti Istruttorja ghandha s-setgha statutorja biex tordna li jingabar kampjun kalligrafiku tieghu. Isostni illi l-Artikolu 397 ma jaghtix poter legittimu lill-Qorti Istruttorja biex tordna t-tehid ta' kampjun tal-kalligrafija ghaliex

[1] Prezentata fis-17 ta' Settembru 2014 a fol. 1163 *et seq*.
[2] Deciza 12 ta' Frar 2016.

filwaqt li ma hemm ebda accenn espress ghat-tehid ta' kampjuni kalligrafici fost id-diversi dispozizzjonijiet tieghu, f'kull kaz dan l-Artikolu ma jista' qatt jitqies li jaghti 'mano libera' lil dik il-Qorti biex tordna l-produzzjoni ta' kwalsiasi prova li jidhrilha, specjalment jekk l-ordnijiet taghha jikkozzaw ma' ligijiet ohrajn inkluz dawk li jipproteggu d-drittijiet fondamentali tal-bniedem.

9. L-Avukat Generali wiegeb fir-rigward fis-sens illi, ghalkemm id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 397 ma jsemmux b'mod espress il-poter tal-Qorti li tordna li jittiehed kampjun tal-kitba tal-akkuzat, jaghtu l-poter lill-Qorti li tordna "*kull hag'ohra*[3] *li tinhtieg biex il-gabra tal-provi tal-kawza tkun kompluta minn kollox*", inkluz ghalhekk, skont l-Avukat Generali, kampjun tal-kitba jekk dik il-Qorti tqis li din hija mehtiega bhala prova.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

10. Dwar dan l-aspett tal-aggravju tal-appellant, huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet. Bis-sahha tal-ahhar parti tal-Artikolu 397 il-Qorti Istruttorja ghandha s-setgha li tordna kull mizura jew haga ohra li hija tqis bhala mehtiega biex il-gabra tal-provi tal-kawza tkun shiha. Din il-Qorti tosserva li din l-ahhar parti ta' dak l-artikolu hija evidentement intiza biex tirreferi ghal dawk l-ordnijiet mehtiega bhal f'dan il-kaz biex jingabru provi b'mezzi li m'humiex kontemplati specifikatament iktar

[3] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

qabel fl-istess artikolu. Din il-Qorti taqbel illi l-htiega li l-Qorti Istruttorja tigi munita b'dan il-poter generali hija dovuta, fost affarijiet ohra, ghal zviluppi fil-qasam xjentifiku u forensiku li minnhom jitwieldu mezzi godda biex jassistu fil-gbir tal-provi oltre dawk specifikatament kontemplati mill-imsemmi artikolu, jigifieri accessi, perkwizizzjonijiet, esperimenti u t-tehid ta' kampjuni. Ghalhekk ma tistax tigi dubitata l-legittimita` tal-mizura ordnata mill-Qorti Istruttorja. Izda, meta l-ligi fl-istess Artikolu 397, titkellem dwar is-setgha tal-Qorti Istruttorja li tordna l-produzzjoni ta' xhieda u provi li jidhrilha mehtiega, fosthom ghalhekk il-prova li ssir permezz ta' "it-tehid ta' xi kampjuni", dawn l-ordnijiet jibqghu dejjem soggetti ghal skrutinju taht il-lenti tad-drittijiet fondamentali.

11. Ghalhekk din il-Qorti sejra issa tistharreg jekk l-ordni li tat il-Qorti Istruttorja, ghalkemm legali, kisritx id-drittijiet fondamentali tal-appellanti.

12. Huwa appuntu f'dan il-qafas kostituzzjonali u konvenzjonali li din il-Qorti tqis li ghandu jigi ezaminat l-aspett l-iehor, tal-aggravju tal-appellant dwar il-legittimita` o meno tal-ordni tal-Qorti Istruttorja li bih gie ordnat jaghti kampjun tal-kalligrafija tieghu.

13. Skont l-appellant, l-ewwel Qorti korrettement accettat il-principji stabbiliti in materja permezz tad-decizjoni fil-kaz ta' **Jalloh v.**

**Germany**[4], fejn il-Qorti Ewropea fissret illi d-dritt ta' persuna li ma tixhidx kontra taghha stess u d-dritt ghas-silenzju protetti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni "*… does not extend to the use in criminal proceedings of material which may be obtained from the accused through the use of compulsory powers but which has an existence independent of the will of the suspect, such as, inter alia, documents acquired pursuant to a warrant, breath, blood, urine, hair or voice samples and bodily tissue for the purpose of DNA testing*". Madanakollu, jilmenta illi l-ewwel Qorti naqset milli taghraf illi l-kalligrafija, li m'hijiex materjal "*ezistenti per se stant*e" indipendentement mir-rieda tal-akkuzat, ma tistax tigi ekwiparata mad-demm, xaghar, nifs u partijiet tal-gisem. Dan ghaliex, skont l-appellant, il-kalligrafija tista' tingieb fl-ezistenza biss b'agir indott fuq l-akkuzat li jrid jigi kostrett jaghmel xi haga biex igib l-prova rikjesta, ossia l-kalligrafija tieghu, in ezistenza.

14. L-Avukat Generali jiccita, fir-risposta tal-appell tieghu, il-bran fuq riprodott mid-decizjoni ta' **Jalloh v. Germany**, li skont hu jikkonforta d-decizjoni tal-ewwel Qorti li l-ordni ghat-tehid ta' kampjun tal-kalligrafija tal-appellant, ma jimminax id-dritt tieghu li ma jinkriminax lilu nnifsu.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

15. Fir-rigward, din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, ghalkemm id-dritt ghal smigh xieraq kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma

[4] Appl. No. 54810/00, deciza 11 ta' Lulju 2006.

jinkludix espressament id-dritt li persuna ma tinkriminax ruhha jew id-dritt ghas-silenzju, il-principji kontra l-uzu ta' evidenza miksuba b'lezjoni ta' dawn id-drittijiet huma ben assodati fis-sistemi guridici mhux biss tal-Ewropa izda wkoll internazzjonali, fejn gew rikonoxxuti bhala espressjonijiet bazici tal-liberta` personali u dinjita` tal-individwu kontra l-ezercizzju ta' koercizzjoni tal-Istat. Bhala tali, jinghad li huwa pacifiku illi dawn id-drittijiet jifformaw wiehed mill-pilastri fondamentali tal-jedd ghal smigh xieraq[5]. Fil-kaz ***John Murray v. United Kingdom***[6]***,*** il-Qorti Ewropea ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet in materja:-

> "Although not specifically mentioned in Article 6 (art. 6) of the Convention, there can be no doubt that the right to remain silent under police questioning and the privilege against self-incrimination are generally recognised international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under Article 6 (art. 6) … By providing the accused with protection against improper compulsion by the authorities these immunities contribute to avoiding miscarriages of justice and to securing the aims of Article 6 (art. 6)".

16. Huwa evidenti illi dan l-aspett tal-aggravju tal-appellant huwa ppernjat b'mod esklussiv fuq il-bran sopracitat mis-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Jalloh v. Germany** in materja tad-dritt kontra l-awto inkriminazzjoni, u fuq ebda konsiderazzjoni ohra. Din il-Qorti tifhem illi t-tezi tal-appellant issarraf f'interpretazzjoni *a contrariu sensu* tal-principju enuncjat f'dik id-decizjoni: l-appellant ifisser illi jsegwi mit-taghlim tal-Qorti Ewropea fl-imsemmija decizjoni, illi dawk il-provi konsistenti f'materjal li jista' jinkiseb minghand l-akkuzat b'mod obbligatorju <u>izda ma</u>

[5] Vide **Saunders v. UK**, deciz 17 ta' Dicembru 1996.
[6] Appl. No. 18731/91, deciza 8 ta' Frar 1996.

jezistix indipendentement mir-rieda tieghu, igawdu l-protezzjoni tal-Artikolu 6. Isostni illi l-kalligrafija, billi m'hijiex materjal "*ezistenti per se stante*" indipendentement mir-rieda tal-akkuzat, ma titqies bl-istess mod bhad-demm, xaghar, nifs u partijiet tal-gisem, ghaliex tista' tingieb fl-ezistenza biss b'agir indott fuq l-akkuzat. Fi kliem iehor, jghid li billi huwa kellu jigi indott biex jipproduci l-kitba b'intervent attiv tieghu nnifsu, din ma hijiex prova ammissibbli.

17. Din il-Qorti tosserva li l-interpretazzjoni li l-appellant irid li tinghata lill-bran sopracitat, hija wisq semplicistika biex tikkonforta t-tezi tieghu li l-ordni ghat-tehid ta' kampjun tal-kalligrafija tieghu, huwa leziv tad-dritt tieghu li ma jixhidx u ma jinkriminax ruhu.

18. Ghalkemm din il-Qorti hija konxja li hemm opinjonijiet kuntrastanti in materja u kien hemm tabilhaqq ukoll kazijiet fejn talbiet tal-prosekuzzjoni ghall-produzzjoni ta' kampjuni tal-kalligrafija tal-akkuzat gew respinti[7], hija taqbel pjuttost mal-ahhar gurisprudenza tal-Qorti Suprema tal-Istati Uniti[8] li ddistakkat ruhha mill-insenjament precedenti li kien ihares id-dritt tal-persuna ghall-protezzjoni tal-Hames Emenda kontra *Self-Incrimination* b'mod kwazi assolut. Fuq kollox, pero`, din il-Qorti thaddan il-principji enuncjati fid-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea li

[7] Ara **Prosecutor v. Zejnil Delalic Mucic** – Trial Chamber [Hague Tribunal for the Prosecution of Persons Responsible for Serious Violations of International Humanitarian Law Committed in the Territory of the Former Yugoslavia since 1991], decided on 19th January 1998.
[8] Wara l-kaz **Holt vs. United States** [218 U.S. 24 (1910)]

wkoll jikkwalifikaw il-privilegg kontra l-awto inkriminazzjoni bhala wiehed mhux assolut, ma jestendix ghal kull forma ta' evidenza u jitqies, b'mod generali, li huwa limitat ghad-dritt ta' persuna li ma tigix sfurzata li taghti testimonjanza ossia tixhed kontriha stess f'proceduri kriminali.

19. Fil-kaz sopracitat **John Murray v. United Kingdom**, il-Qorti Ewropea ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet in materja:-

> "On the one hand, it is self-evident that it is incompatible with the immunities under consideration to base a conviction solely or mainly on the accused's silence or on a refusal to answer questions or to give evidence himself. On the other hand, the Court deems it equally obvious that these immunities cannot and should not prevent that the accused's silence, in situations which clearly call for an explanation from him, be taken into account in assessing the persuasiveness of the evidence adduced by the prosecution.
>
> "Wherever the line between these two extremes is to be drawn, it follows from this understanding of "the right to silence" that the question whether the right is absolute must be answered in the negative".

20. Korollari ghal dan hemm il-principju illi d-dritt li l-akkuzat li jibqa' sieket ma jghoddx ukoll ghall-produzzjoni ta' evidenza materjali konsistenti, *inter alia*, f'provi dwar il-fattizzi jew karatteristici fizici tal-akkuzat. Huwa ormai affermat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea[9], li billi din l-evidenza tezisti indipendentement mir-rieda tal-akkuzat, ma hijiex meqjusa bhala testimonjanza vera u proprja u b'hekk, tista' tinkiseb minghand l-akkuzat minghajr ma jigi lez id-dritt tieghu ghas-silenzju u kwindi l-privilegg tieghu kontra l-awto inkriminazzjoni. Huwa

[9] **Jalloh v. Germany**, fuq citata.

evidenti illi dan l-insenjament isib il-fondament tieghu fil-fatt illi bil-produzzjoni ta' din l-evidenza l-akkuzat mhux qed jigi kostrett jixhed jew jaghti testimonjanza li tista' tkun inkriminanti, appuntu ghaliex din il-evidenza materjali tezisti minghajr intervent jew ir-rieda tal-akkuzat.

21. Kif inghad, l-appellant jikkontendi li l-kampjun tal-kalligrafija ma jistax jingabar bhala prova b'intervent semplicement passiv tal-akkuzat, ghaliex jehtieg l-intervent attiv tieghu biex din l-evidenza ssir tezisti. Jilmenta ghalhekk li l-kampjun tal-kalligrafija, bhala wiehed mill-fattizzi jew karatteristici fizici tieghu, ghandu jigi meqjus bhala prova li ma setax jigi mgieghel jaghti kontra r-rieda tieghu minghajr ma jigi lez il-privilegg lilu spettanti li ma jigix imgieghel jixhed kontra tieghu stess.

22. Fil-fehma kkonsidrata ta' din il-Qorti, anke wara li hadet konjizzjoni ta' kazistika tal-Qorti Ewropea kif ukoll tal-Qorti Suprema tal-Istati Uniti in materja, id-dimostrazzjoni tal-fattizzi fizici jew materjali tal-akkuzat, kontrarjament ghal testimonjanza diretta, ma fiha ebda espressjoni ta' xi hsieb, percezzjoni jew asserzjoni li tista' tigi skreditata jew soggetta ghall-kontro-ezami.[10] Kwindi, l-ordni ghall-produzzjoni ta' prova konsistenti f'dimostrazzjoni tal-fattizzi fizici tal-akkuzat, ma jilledi ebda dritt ghas-silenzju jew privilegg kontra l-awto inkriminazzjoni. Kif imfisser mill-Qorti Suprema[11] fil-kuntest ta' dak li hu ammissibbli fil-gbir

---

[10] **Davis v. Alaska**, 415 U.S. 308, 316 (1974).
[11] **Williams**, 461 F.3d at 447/448.

tal-provi taht-il-Hames Emenda ghall-Kostituzzjoni tal-Istati Uniti [*Self-Incrimination Clause*]:-

> "… a demonstration differs from compelling testimony under the Amendment. … these courts reasoned that a defendant compelled to don clothing before the jury does not "testify" for purposes of the Fifth Amendment Self-Incrimination Clause … But it is illogical to say that a defendant opens himself up to cross-examination simply by virtue of performing a physical demonstration. Such a holding is tantamount to the strange conclusion that a demonstration itself can be cross-examined[12]".

23. Huwa ritenut fil-kazistika tal-qrati tal-Istati Uniti li d-dritt ghas-silenzju ma jestendix ghall-gbir ta' kampjuni tad-DNA, xaghar, demm ecc. in konnessjoni ma' proceduri kriminali. Il-Qorti Suprema tirritjeni illi l-privilegg ikopri biss provi li fin-natura taghhom huma "*communicative*" jew "*testimonial*", filwaqt evidenza materjali ("*real evidence*") bhal ma huwa DNA u impronti digitali, kif ukoll kampjuni tal-vuci u kalligrafija, hija meqjusa bhala prettament "*non-testimonial"* u *"non-communicative"*[13]:-

> "The privilege against self-incrimination is not available to an accused in a case such as this[14], where there is not even a shadow of compulsion to testify against himself, or otherwise provide the State with evidence of a testimonial or communicative nature".

24. Fermi l-konsiderazzjonijiet premessi, il-punt li ghandu jigi determinat f'dan l-appell huwa jekk kampjun tal-kalligrafija jinkwadrax

[12] Fil-kaz ta' **Holt v. United States** [218 U.S. 24 (1910)] il-Qorti Suprema fissret id-distinzjoni netta bejn il-karatteristici fizici ta' l-akkuzat u l-kontenut ta' komunikazzjonijiet tieghu, tant illi l-qrati ta' l-Istati Uniti konsistentement irritenew illi dimostrazzjonijiet li jirrikjedu lill-akkuzat ivarja l-apparenza tieghu jew jilbes hwejjeg li jigi allegat li ntlibsu mill-persuna li wettqet ir-reat, huma konsistenti mad-dritt li l-akkuzat ma jinkriminax ruhu - fil-proceduri krimnali kontra Holt, l-akkuzat kien ordnat, ghall-fini ta' identifikazzjoni, jilbes quddiem il-gurati il-qmis li allegatament intlibset mis-suspettat fit-twettiq tar-reat.

[13] **Schmerber v. California**, (1966) No. 658 (pp. 760 – 765) – Deciza 20 ta' Gunju 1966.

[14] F'dan il-kaz, kien ittiehed kampjun tad-demm ta' l-akkuzat fuq direzzjoni ta' ufficjal tal-Pulizija.

bhala testimonjanza jew komunikazzjoni, f'liema kaz l-ordni ghat-tehid ta' kampjun tal-kalligrafija tal-akkuzat tista' tigi kkonsidrata li jilledi d-dritt ghas-silenzju u kwindi l-privilegg kontra l-awto-inkriminazzjoni tal-appellant.

25. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kalligrafija tal-individwu, bl-istess mod bhall-vuci tieghu, hija rapprezentazzjoni *par excellence* ta' karetteristika fizika li hija unika ghall-individwu, u ma ghandhiex natura testimonjali. Il-fatt illi din il-karatteristika, biex tidher, trid tigi dimostrata bl-intervent attiv tal-akkuzat, ma jnehhi xejn min-natura taghha bhala dimostrazzjoni fizika ta' evidenza materjali bl-istess mod li huma l-impronti digitali, qisien tal-gisem, materjal tad-DNA, vuci ecc. Din l-ghamla ta' evidenza, in kwantu m'hijiex soggetta li tigi skreditata, ma tissottopponix lill-akkuzat li jaghti kampjun ta' dan il-materjal ghal xi obbligu li jaghti xi testimonjanza dwaru.

26. In kwantu ghad-determinazzjoni jekk kampjun tal-kalligrafija tal-akkuzat jistax jitqies bhala ta' natura komunikattiva, f'liema kaz ikun jisthoqqlu l-protezzjoni tal-privilegg invokat mill-appellant, ikun ta' siwi li jigi osservat li l-kampjun tal-kalligrafija mehud mill-appellant ma fih ebda kontenut inkriminanti ghaliex huwa intiz biss biex jiddimostra l-karatteristici fizici identifikanti tal-kalligrafija ghall-finijiet ta' analizi komparattiv, u mhux il-kontenut tieghu. Certament, bil-fatt li l-appellant

gie ordnat jaghti kampjun tal-kalligrafija tieghu, ma jistax jinghad li huwa gie mgieghel jikxef xi informazzjoni jew jaghmel dikjarazzjoni inkriminanti.

27. In propositu, fil-kaz ta' **Funke v. France**[15], fejn l-applikant kien instab hati fi proceduri kriminali wara li kien gie mgieghel jipproduci dokumenti dwar kontijiet bankarji li fihom infushom kienu inkriminanti kontra l-istess applikant, il-Qorti Ewropea rriteniet illi l-ordni biex l-applikant jipprovdi huwa stess il-prova dwar reati li allegatament kien ikkommetta, kien leziv ghad-dritt tieghu protett bl-Artikolu 6 li jibqa' sieket u ma jinkriminax lilu nnifsu.

28. Dan zgur m'huwiex il-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti, li l-fattispecje tieghu huma wkoll kompletament distinti minn dawk riskontrati fil-kaz sopracitat li jistrieh fuqu l-appellant stess, **Jalloh v. Germany**. F'dan il-kaz tal-ahhar, l-akkuzat kien gie mgieghel jipproduci prova inkriminanti meta gie forzatament somministrat medicina li induciet l-emmissjoni tad-drogi li kienu gew ingestiti minnu. Izda, fil-kaz in dizamina, ma hemm assolutament xejn inkriminanti fil-kampjun tal-kaligrafija li l-appellant gie ordnat jaghti[16]: huwa ma giex imgieghel jikteb xi haga inkriminanti jew jikkonferma, jew jixhed dwar, il-kontenut tad-

[15] Appl. No. 10828/84, deciza 25 ta' Frar 1993.

[16] Fil-kaz ta' **Gilbert v. California** [388 U.S. 263 (1967)], il-Qorti Suprema riaffermat illi l-kalligrafija, bhall-vuci ta' individwu, hija mezz ta' komunikazzjoni u trid issir distinzjoni bejn il-vuci u l-kalligrafija fihom infsuhom bhala mezzi ta' identifikazzjoni ta' karatteristici fizici, u l-kontenut tal-kalligrafija u tal-vuci.

dokument Dok. NC3 esebit mill-Prosekuzzjoni u li mieghu kellu jsir l-ezercizzju komparattiv mal-kampjun tal-iskrittura tieghu.

29. Ferm il-premess, din il-Qorti tqis ukoll li jghoddu ghall-kampjun tal-kalligrafija tal-appellant f'dan il-kaz, l-istess konsiderazzjonijiet u osservazzjonijiet maghmula mill-gurisprudenza li tittratta l-materja ta' kampjun tal-vuci tal-akkuzat, fosthom dawk maghmula minnha stess fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Richard Cuschieri v. Avukat Generali**[17] u b'mod partikolari, l-estratt minnha citat mis-sentenza tal-Qorti Suprema tal-Istati Uniti fil-kaz **United States v. Doe (Schwartz)** fejn gie ritenut, in materja tal-kampjuni tal-vuci illi:-

> "The physical characteristics of a person's voice, its tone and manner, as opposed to the content of a specific conversation, are constantly exposed to the public. Like a man's facial characteristics, or handwriting, his voice is repeatedly produced for others to hear.
> …
> "the underlying identifying characteristics - the constant factor throughout both public and private communications - are open for all to see or hear. … Hence no intrusion into an individual's privacy results from compelled execution of handwriting or voice exemplars; nothing is being exposed to the grand jury that has not previously been exposed to the public at large".

30. Mizmumin ferm dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tosserva li la l-kalligrafija tal-appellant la hija testimonjanza moghtija mill-istess appellant u lanqas evidenza ta' xi att jew kitba inkriminanti maghmula minnu, u bhala tali ma tistax titqies bhala prova inammissibbli fil-qafas tad-dritt kontra l-awto inkriminazzjoni.

[17] Deciza 12 ta' Frar 2016.

31. Ghall-kompletezza, jinghad ukoll illi, il-fatt illi l-ordni lamentat mill-appellant jista' jehtieg l-intervent attiv u mhux merament passiv tal-akkuzat biex jiddimostra jew jipproduci prova li m'hijiex ta' natura testimonjali jew komunikattiva, ma huwiex determinanti wisq anqas relevanti fil-qafas tad-dritt tal-akkuzat li ma jinkriminax ruhu, u ma jibdel xejn mill-fatt li din l-evidenza ma ghandha ebda valur konfessorju kwalsiasi.

32. Ghaldaqstant, din il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz, l-ordni tal-Qorti Istruttorja ghat-tehid tal-kampjun tal-kalligrafija tal-appellant ghall-finijiet purament ta' analizi komparattiva ma' dokument diga` esebit bhala prova fl-atti processwali, huwa kompatibbli mad-dettami tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-kostituzzjoni, u ma jilledix id-dritt tal-appellant li ma jixhidx u li ma jinkriminax lilu nnifsu.

33. L-appellant jaghlaq l-appell tieghu bis-sottomissjoni li, fit-tehid tal-kampjun tal-kitba tieghu kien hemm element ta' koercizzjoni (*compulsion*) ghaliex f'kaz li kellu jonqos milli jwettaq l-ordni tal-Qorti, kien jesponi ruhu ghal konsegwenzi punittivi, fosthom id-disprezz tal-qorti. Fir-rigward, din il-Qorti tissenjala illi huwa ftit jew wisq inevitabbli li l-produzzjoni ta' din in-natura ta' prova ssir fuq ordni tal-Qorti. Madanakollu, l-ordni gudizzjarja biex l-akkuzat jipproduci evidenza,

anke dik mhux koperta mill-protezzjoni tal-Artikolu 6, huwa soggett f'kull kaz ghal skrutinju fil-forma ta' numru ta' kriterji mfasslin mill-gurisprudenza kostanti in materja tal-Qorti Ewropea, liema kriterji ghandhom jigu kollettivament sodisfatti biex il-procedura ghall-produzzjoni tal-prova titqies li hija kompatibbli mad-dettami tal-Artikolu 6. Kif tajjeb irravvizat l-ewwel Qorti, f'dan il-kaz, dawn il-kriterji gew ilkoll sodisfatti ghaliex huwa manifest illi l-ordni tal-Qorti Istruttorja kif ukoll il-procedura u l-mezz uzat ghall-produzzjoni tal-kampjun tal-kalligrafija tal-appellant, ma jintralcjaw b'ebda mod id-dritt tal-istess appellant li ma jinkriminax ruhu.

34. Din il-Qorti taghlaq billi taghmel is-segwenti osservazzjonijiet li tqis li huma opportuni in propositu tal-lanjanza tal-appellant dwar il-grad ta' severita` tal-ordni li bih gie mgieghel jaghti l-kampjun tal-kalligrafija tieghu. Il-Qorti Istruttorja hatret l-espert kalligrafu Joseph Mallia b'digriet moghti waqt l-udjenza tal-14 ta' Dicembru 2011[18], fuq talba tal-prosekuzzjoni biex isir analizi komparattiv bejn il-kalligrafija li tidher fuq dokumenti esebiti in atti (Dok. NC3) u dik tal-appellant - sintendi biex issir il-prova ta' ness bejn l-appellant u r-reat li bih gie mixli. Fid-digriet taghha, dik il-Qorti ordnat lill-espert kalligrafu biex jiehu kampjun kaligrafu tal-appellant u jirtira Dok. NC3 sabiex jaghmel ezami komparattiv. Ma jidhrix illi l-appellant, ghalkemm kien assistit legalment,

---
[18] Fol. 424.

oggezzjona ghall-produzzjoni tal-prova tal-kalligrafija tieghu f'dik l-udjenza, u lanqas f'xi seduta ohra waqt il-kumpilazzjoni tax-xhieda.

35. Din il-Qorti tinnota ulterjorment illi lanqas saret xi oppozizzjoni mill-appellant ghall-ordni biex jiddimostra l-kalligrafija tieghu meta attwalment gie biex jaghti l-kampjuni f'zewg okkazzjonijiet separati meta l-appellant ukoll kien debitament assisit quddiem il-Qorti.

36. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tqis li hija pjuttost gratuwita l-allegazzjoni tal-appellant li huwa kien taht "*compulsion*" severa biex jipprovdi l-kampjun tal-kagrafija tieghu, meta jirrizulta li, izjed milli *compulsion*, kien hemm ko-operazzjoni u akkwijexxenza pjena da parti tieghu fil-produzzjoni ta' din l-evidenza. Din il-Qorti tippuntwalizza li b'daqshekk b'ebda mod m'hi tqis li l-appellant irrinunzja ghad-dritt tieghu li jikkontesta l-ordni mill-ottika kostituzzjonali u konvenzjonali, izda huwa evidenti mill-premess illi l-grad tal-*compulsion* lamentat, fic-cirkostanzi tal-kaz tieghu, kien wiehed minimu jekk mhux addirittura inezistenti. Tant hu hekk illi l-appellant oggezzjona l-ewwel darba ghall-ordni moghtija wara l-gheluq tal-kumpilazzjoni meta l-kaz tieghu gie finalment appuntat quddiem il-Qorti Kriminali, jigifieri xejn inqas minn sentejn wara l-prezentata tar-rapport[19] tal-espert kalligrafu fejn saret maghrufa l-konkluzjoni li l-kampjuni tal-kalligrafija tal-imputat huma kompatibbli mal-kalligrafija li tidher f'Dok NC3.

[19] Ipprezentat fil-25 ta' Gunju 2012 a fol. 523 *et seq*.

37. Ghall-motivi premessi, din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravju tal-appellant fl-aspetti kollha tieghu, huwa infondat u jimmerita li jigi respint.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell ta' Marcellus sive Marcel Agius billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jigu sopportati mill-istess appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb